# TERRA SANCTA EST!

Art Imqaddsa! Min ma jaħsibx fik, min ma jinġibitx lejk, min ma jħobbokx u jżommok f'qalbu? Ġawrha f'qalb ta' kull Nisrani, wisq aktar għażiża għal kull raħeb, iben ta' San Franġisk t'Assisi!

*Nazzareth*! Warda safja! Bi fwiħitek inġibdet mis-sema l-Kelma tal-Mulej, nżlet u tlaħħmet fid-dinja. "*Hic Verbum caro factum est*!"

*Betlehem*! Hawn twieled tarbija l-Iben t'Alla magħmul bniedem: "*Hic Jesus Christus natus est*", li għad-dehra tiegħu l-Anġli s-sliema ħabbru għal żmien twil hekk mistennija u mixtieqa: "*Gloria in altissimis Deo*".

*Jerusalem*! Belt imxarrbha u maħsulha bid-Demm ta' Ġesù: *Hic Jesus, Filius Dei, passus et mortuus est*". Fuq l-Għolja tiegħek twaqqaf is-Salib. Altar tal-Veru Sagrificċju u Kattedra ta' Tagħlim is-Sewwa.

Nazzareth, Betlehem, Jerusalem! Ismijiet li finha tnisslu ħsiebijiet u tqanqil ta' kull lewn u ta' kull ġibda ta' mħabba! Fikhom tiġbru storja ta' akbar ġrajjiet u ta' ġieħ li qatt ma jintemm!

*
* *

Imma, O Nazzareth! O Betlehem! Għaliex isimkhom hu hekk ta' ferħ, li jimlieli u jfawwarli qalbi bill-hena? M'intomx, jewwilla, t-tnixxija u l-bidu ta' dak kollu li kellu jitwettaq f'Jerusalem?

U int, O Jerusalem, għaliex tnikkitni u tagħsarli lqalbi bid-dwejjaq malli bisis fik niftakar? M'intix, jewwilla, l-Belt Imqaddsa, s-sabiħa belt ta' Sion, li fik għandek miżmum il-QABAR ta' l-akbar ġieħ, li jqaddsek u li lejh jiġbed il-qalb ta' kull nisrani, għax hu l-għelm ta' kull Ċiviltà?

Ferħ u biki! Hena u niket! X'ikun qatt minn qalbi?......Xbiha tal-ħajja tal-Bniedem, ħajja li tintiseġ bil-ferħ u bil-biki.

*
* *

Iżda kellu jkun, u hu tassew Qabar ta' ġieħ, ta' l-akbar ġieħ: "*Et erit Sepulchrum eius gloriosum*! Ma nintelaqx lè; nibki, imma waqt li nitnikket, nifraħ u nithenna. Nishar ma ġemb il-Qabar ta' Dak li kien sar Bniedem f'Nazzareth, li twieled tarbija ġewwa Bethlehem; u qalbi tieħu r-ruħ, tintela b'ferħ ġdid, tintrefa' il-fuq, togħla iżjed u iżjed il-fuq u tittama...... Il-Qabar ifissirli l-biki u l-ferħ. Nazzareth u Bethlehem ma Jerusalem jindammu flimkien fil-Qabar, li minnhu b'ħajja ġdida ħareġ l-IRXOXT: "*Resurrexit tertia die*!

*
* *

Nifraħ, għax jiena ukoll inqum minn bejn l-imwiet: *Resurgam*! Jiena ukoll nirxoxta, jekk Miegħu nġarrab dak li beda jġarrab Hu ġo Nazzareth u ġo Betlehem; nirxoxta, jekk nissieħeb Miegħu f'dak li ġarrab fl'Eġittu, f'Nazzareth, fix-xtajta tal-Ġurdan, fis-sawm li għamel filbarr, f'dak li ġarrab fil-baħar ta' Tabarija, fit-triqat ta' Ġerusalemm; nirxoxta iwa, jekk Miegħu nifraħ f'Betlehem, f'Kana tal-Galilija, fuq l-Għolja tat-Tabor, fuq l-għolja tal-Beatitudni, f'Betfagi u fiċ-Ċenaklu. Miegħu iwa, nirxoxta, jekk fil-Ġetsemani, fil-Litostratos u fuq il-Kal-

varju miegħu nħoss, bħalu nġib ruħi, bħalu mmut. Miegħu ukoll ninżel fil-qabar, Miegħu għalhekk ukoll nirxoxta, biex qatt ma mmut iżjed: "*Consepultus cum Christo, resurgam.*"

* * *

Dawn kienu l-ħsus l-aktar qawwija u l-aktar qaddisa fil-qalb tal-Fqajjar San Franġisk t'Assisi, sa minn xħin filgħodu, b-dik il-ħmura li tarmi ma l-għeibien ix-xemx ta' fil-għaxija; u flimkien, ma dawk il-fwejjaħ ta' ward u ta' ġilji, li bihom il-widien huma miżgħouda, u b-dik l-arja safja tagħha, li tpaxxi l-imnifsejn, li tarfa' l-moħħ u li tagħti l-ħeġġa, jagħmlu l-Palestina art saħħara, li tiġbed il-qlub. Iżda, barra minhekk, hija in-nieqa ta' ġens il-Bniedem, l-art tal-Patriarki u ta' l-Imnebbħin tal-Mulej fir-Rabta il-Qadima, tal-



*S. Franġisk jitlaq lejn il-Palestina*

fil-Knisja ta' San Damjan kien sama' l-leħen tal-Kurċifiss jgħidlu: "*Vade, Francisce, repara domum meam, quae labitur*: Mur, O Franġisku, irfed il-Knisijieti, li sa tiġġarraf". Ħsus, ħelwin u qaddisa, li nibtu filqalb ta' Franġisku, li huwa baqa' jżomm b'għożża kbira, u li ħalla bħala wirt l-aktar għażiż lill-uliedu, Rħieb Minuri.

San Franġisk t'Assisi ħabb il-Palestina!

Il-Palestina! Ġabra ta' ġmiel u ta' ġieħ mill-aqwa! B-dak is-sema diefi u kaħlani minn tagħha, b'dwal imdeħba li jleħħu maż-żernieq ta' ġens l-aktar reliġjuż u miġjub il quddiem fil-ġrajjiet ta' l-istorja, u għalhekk, l-art l-aktar maħbubha u meqjumha fid-dinja.

San Franġisk t'Assisi ħabb il-Palestina: ħabbha għal dan kollu li għedna; imma, fuq kollox, ħabbha għax hi l-art imbierka u mqaddsa minn l-Iben t'Alla magħmul Bniedem. Hi l-art tiegħu, l-pajjiż tiegħu: mbierka u mqaddsa bi twelidu, b'ħajtu, b'ħidmietu, u, fl'aħħarnett, bit-tixrid ta' demmu u b'mewtu fuq is-Salib tal-Kalvarju, Imkien l-aktar qaddis u ta' ġieħ fid-dinja. Hemm ukoll jinsab Qabru, li fih strieħ għal

qishu tliet'ijiem u li minnu, bilqawwa tiegħu nnifsu, qam minn bejn il-Imwied: *Sepulchrum eius gloriosum*".

Fiż-żmienijiet ta' San Franġisk iżda, l-Palestina kienet tilfet kull kobor tagħha. L-Imqaddes Qabar ta' Kristu, li fis-sena 1099, f'jum il-Ġimgħa l-Kbira, kien ġie meħlus mill-qawwiet tas-Salibijjin Insara (il-Kruċjati), minn taħt il-ħakma tal-Misilmin (li fis-sena 614 kienu Is-Slaten ta' l-Ewropa, imgħaġġbin minn hekk ħruxija tal-Misilmin, għal darb'oħra tqanqlu fil-qilla tagħhom: sejħu l-aqwa nies imħarrġin fil-ġlied, ġabru eluf u eluf ta' żgħażagħ u għaqdu Kruċjati armati sa snienhom u bagħtuhom lejn il-Palestina biex jeħduha minn taħt idejn il-Misilmin u jerġgħu jrodduha Art Imqaddsa, miftuħa għaż-żawwara nsara taddinja, bħal fiż-żmien tas-saltna ta' Goffredu il- Buljoni. Imma kien



*San Franġisk jasal u jqim Ġerusalem.*

daħlu fil-Palestina u għamlu ħerba mill-Bażilki u l-Knejjes li kienu mibnijin minn Santa Liena), l-Imqaddes Qabar ta' Kristu iwa, u l-Knejjes l-oħra mibnijin mill-Latini taħt is-Saltna tal-Kruċjati, fl-1187 kienu reġgħu waqgħu mil-ġdid taħt il-ħakma tas-Saraċini-Misilmin li, wara li ħarbtuhom, bidluhom f'imħażen jew ukoll f'imwieqel għażżwiemel tas-Sultan Saladin.

Ġrajja tassew ta' għajb u ta' ħasra! kollox għal xejn! Għax għalkemm, ma tul iż-żmien, bosta demm inxtered, bosta ħajjiet inqerdu, u bosta infieq ta' flus inħlew, il-Pajjiż ta' Ġesù baqa' dejjem taħt il-ħakma tal-kiefra Misilmin sas-sena 1917, meta' dawn kienu ġew mirbuħa mill-Ġeneralissmu Ingliż Allemby fl-ewwel Gwerra il-Kbira.

Din kienet il-qagħdha ta' l-Art Imqaddsa fiż-żmien ta' San Franġisk t'Assisi! Għalhekk, San Franġisk

kien jibki, jitnieghed, u, qajl qajl, trabbiet waħma f'qalbu li jara meħlus il-Qabar ta' Kristu mill-aktar fis li jista' jkun, u għal hekk, għamel f'moħħu li jitlaq huwa nnifsu lejn ix-Xerq imħejji, jekk jinħtieġ, jagħti ħajtu għal dan il-ħsieb ewlieni tiegħu.

Sa minn bikri għalhekk, Franġisku t'Assisi, wara ftit żmien li kien għadu kemm waqqaf l-Ordni tiegħu tal-Irħieb Minuri, tafa' għajnejh fuq l-Art Imqaddsa, bagħad lill-Uliedu fis-Sirja, fejn waqqaf il-Provinċja tax-Xerq, biex minn hemmhekk ikunu jistgħu jinfirxu fil-Palestina. Ftit wara mbagħad, hu nnifsu, fis-sena 1212, imġiegħel mill-imħabba li kellu għall-imsejkna infidili Misilmin, biex jgħarrafhom il-Kristu u għal fidwa tal-Qabar tiegħu, telaq ibaħħar għall-Art Imqaddsa; imma l-Għadu ta' l-erwieħ, ix-Xitan, għal darbtejn fixkel il-mawra tiegħu: l-ewwel darba billi qanqallu bl-ikreħ il-baħar, u Franġisku sab ruħu mixħut fuq ix-xtajta tas-Slavonja, u t-tieni darba — fis-sena 1213— b'marda qalila li żammitu fl-art ta' Kastilja.

Imma b'daqshekk Franġisku ma qatax qalbu. Sitt snin wara, jiġifieri fl-1219, Franġisku l-"vir Catholicus", jitlaq fuq mirkeb mill-marsa ta' Ancona (fl'Italja), għal jiem twal jaqsam il-Baħar tan-Nofs, jieqaf għal ftit fil-Gżira ta' Ċipru u jasal fl-aħħarnett fis-Sirja u jinżel fil-qala ta' San Ġwann t'Akri, fejn hemmhekk ġie milqugħ mir-Rħieb Uliedu. Wara xi jiem ta' mistrieħ, Franġisku msieħeb ma x'uħud minn uliedu, jmur fl'Eġittu, fil-belt ta' Damjata, fejn kienu miġburin il-qawwiet tas-sitt Kruċjata mħejjin biex jaħbtu għal Misilmin, għedewwa ta' Kristu.

Hawn Franġisku, b'għafsa ta' uġieħ f'qalbu, ra b'għajnejh l-imġieba ħażina tal-Kruċjati: l-għira ta' bejniethom, it-tbaħrit tagħhom, il-kefrija tagħhom mal-Misilmin u ħafna ħwejjeġ oħra li jġibu l-akbar stmerrija: u għalhekk, kellu jara ukoll l-għadieb t'Alla fuqhom bit-telfa u bil-qerda tas-sitt kruċjata, li fiha aktar minn 6000 nisrani ħallew ħajjithom.

F'nofs din il-ħerba imma, Franġisku ma jaqtax qalbu: jerfa' għajnejh lejn is-Sema, jqim u jagħti ġieħ lir-Rieda t'Alla, u jitlob id-dawl għal dak li għandu jagħmel. Imdawwal minn Alla, jħalli l-kamp tat-taqbida, u flimkien ma Fra Illuminatu, jidħol qalb ir-rebbieħa Misilmin b'dak il-ħsieb li hu nnifsu jidher quddiem is-Sultan rebbieħ Melek-el-Kamel biex jitolbu li jista' jwetaq il-Missjoni tiegħu, li għaliha bagħtu Alla. Maqbud Franġisku, u magħruf bħala nisrani, msawwat u mbiċċer, ġie meħud marbut quddiem is-Sultan. Fanġisku kellem lis-Sultan fl'Isem t'Alla, fissirlu l-Missjoni tiegħu, urieħ dak li jinħtieġ jaqla' minnu fl'Isem t'Alla. U s-Sultan Melek-el-Kamel, imgħaġġeb u msaħħar mil-kliem ħelu u umli ta' Franġisku, jagħtih li jista' jxandar it-Tagħlim ta' Krstu qalb il-Misilmin u li jista' jmur iżur f'Ġerusalem il-Qabar ta' Kristu u ta' l-Imkejjen l-oħra Imqaddsa, mingħajr ebda ħlas jew ħaraġ.

*
* *

Ftit aktar minn sena biss qagħad Franġisku fix-Xerq, għax xi tfixkil li kien inqala' fl-Ordni tiegħu, kien jitlob li hu jkun, ħin bla waqt, f'Assisi; imma f'dan il-qasir żmien Franġisku wettaq waħda mill-opri kbar anzi aktarx l-aqwa opra kbira tal-Missjonijiet li jimxu taħt il-ħakma tal-Knisja Kattolika: il-kisba

għall-Knisja tal-Qabar ta' Kristu, li għaliha xmajjar ta' demm xerrdu *għalxejn* is-Salibijjin, għal ma' tul 125 sena.

Barra minn hekk, Franġisku, dejjem fqajjar u umli, xandar b'ħeġġa kbira u b'fejda għall-imsejkna Misilmin il-Vanġelju Imqaddes u qiegħed fil-Palestina, fuq l-Għolja Tas-Sion, ħdejn l-Imqaddes Ċenaklu s-sisien tal-Kustodja ta' l-Art Imqaddsa, li hu ħalla bħala wirt għażiż lil Uliedu, l-Patrijiet Minuri.

PAULUS.

# NAR TA' MĦABBA SERAFKA

Hekk hu, u ma jistax ikun ħlief hekk!...................

Il-ħajja tar-ruħ, bħal kull ħajj'oħra, ma tieħux saħħitha u ma twarradx jekk mhux bill-qawwa tas-sħana.

Jinħtieġ in-nar, li jsaħħan, li jċaqlaq il-ħsus, li jaħraq il-qalb!

Ġesù ġieb in-nar fid-dinja; u Ruħ il-Qodos, hemm fiċ-Ċenaklu ta' l-Għolja tas-Sijon, fuq l-Appostli, niżel f'ilsna ta' nar.

Franġisku, l-Fqajjar t'Assisi, kien ġa' jaqbad f'ruħu minn dan in-nar tas-Sema; iżda, wara li żar l-Art Imqaddsa u daħal fiċ-Ċenaklu, sar serafin, b'ruħu ħuġġieġa taħraq minn dan in-nar imqaddes. U tassew, mhux fuq karru tan-nar kien deher lill-patrijiet tiegħu miġburin flimkien f'Rifitorju? Santa Marija ta' l-Anġli kienet dehret ukoll taqbad ħuġġieġa ta' nar kbir li jaħraq, waqt li Franġisku u Kjara, imħejjin għal fatra fuq mejda fqajra, ntrefgħu mill-art maħruqin f'estasi ta' mħabba. U għaddehra tal-għaġeb ta' dak is-Serafin fuq ġwenħajh imtajjar, l-Għolja kollha ta' l-Alvernja dehret ħuġġieġa nar ta' l-akbar dija, jilma' u jdawwal? l-iġbla u l-widien kollha tal-madwar, daqs li kieku x-xemx fuq l-art.

Kull iben ta' San Franġisk, jew kull min iħoss xi ġibda lejh, għandu jżomm jixgħel u jaqbad f'qalbu, u dejjem iżjed imħeġġeġ, dan in-nar imqaddes, hekk, li ukoll il-lum u dejjem, wieħed jista' jħoss fiħ in-nifsu, u jgħanni dak li fi żmienijiet oħra San Franġisk kien għanna: "Ħaġġitni l-imħabba! Ħarqitni l-imħabba! "*In foco l'Amor mi mise*".

## TWEĠIBA FLOKA

— Tajbin ferm dawn is-sigarri. Kemm ifuħu. Mnejn ġibthom?

— Tassew, huwa inti li toħodhom! Jiena nixtrihom.

## FRUGĦA TA' MARA

— Tagħraf tgħidli kemm il-sena għandi? — staqsiet Mari-Ros lil wieħed żagħżugħ ħelu u cajtier.

— F'lewnek tidher ta' 18 il-sena, f'imġiebtek ta' 17, u f'għaqlek u f'għamilek ta' 20.................

— U allura? qalet Mari-Ros.

— Għodd kollox inti, wieġeb iż-żagħżugħ, u iġbed is-somma,.........